MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tad-29 ta' Settembru, 2003

Talba Numru. 1767/2002

The General Soft Drinks Co. Ltdvs
Yvonne Mckinnon

It-Tribunal, Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-19 ta' Lulju, 2002, fejn intalab li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' mija u tnejn u tmenin lira Maltin (Lm182) rappresentanti prezz ta' merkanzija mibjugha u ikkonsenjata lill-konvenuta, kif jirrizulta mid-dokument anness ma'l-avviz u immarkat bhala Dokument "1".Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet minn April 2001 kontra l-konvenuta.Ra li l-konvenuta debitament notifikata bil-procedura tal-publikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern u f'gazetta lokali, baqghet ma dehritx u l-anqas ma pprezentat risposta fir-rigward. Sema' x-xhieda ta'l-avukat Dr. Louis Thompson ghan-nom tas-socjeta attrici, li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokument esebiet. Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-

somma ta’ mija u tnejn u tmenin lira Maltin (Lm182), bl-imghaxijiet legali mis-26 ta’ April 2001.L-ispejjez ta’ dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------